# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Disa' Legislatura**

### ***Laqgħa numru 12***

***3.00p.m 21 t'April 2020***

### ***Preżenti***

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### ***Assenti***

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online permezz tal-messanger.

## *12.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

12.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *12.2 Approvazzjoni tal-Minuti*

12.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 11 kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal suġġeriment li l-format tal-approvazzjoni tal-minuti dejjem jibqa fuq quddiem bħala item. Wara li ħadd ma kellu emendi oħra fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu

## *12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

12.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi informa lill-Membri tal-Kunsill li hemm persuna waħda mill-amministrazzjoni tal-Kunsill li rċeviet karta li hija persuna vulnerabbli mid-Dipartiment tas-Saħħa u b'hekk il-Kunsill minkejja kollox qed iżomm l-istess ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċini tal-Kunsill. Kien hawn li qamet diskussjoni dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill u li sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-ħaddiema tal-Kunsill tkun f'waqta' li jitnaqqsu l-ħinijiet tal-ftuħ. Ġie deċiż li l-bini amministrattiv tal-Kunsill għandhu jibqa miftuħ sas-1.00p.m ħlief nhar t'Erbgħa meta dan jibqa miftuħ sall-4.00p.m, hawnhekk ġie miftiehem li l-Kunsill ser ikun qed jibgħat avviż fid-djar tar-residenti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li jkun hemm call forwarding u answering machine biex dejjem tiggwida lil dawk li jċemplu x'għadnhom jagħmlu fil-ħinijiet li l-Kunsill ikun magħluq. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fil-gimgħat li ġejjin il-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuq is-sistema tal-telefon biex naraw esattament x'jista' jiġi mplimentat. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

12.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li min nhar it-Tnejn 27 t'April l-Kunsill Lokali tal-Marsa ser ikollu 30 ħaddiem mill-kumpanija OZO Group li ser ikunu qed jagħmlu diversi xogħolijiet madwar il-lokalita' b'xejn. Dan naturalment ser ikun ta'gwadann għall-lokalita'. Il-Kunsill ser ikun qed jipprovdi diversi xkupi, pali, ingwanti u maskri.

## *12.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

12.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono xtaq jgħid prosit tat-tindif li qed jagħmel il-Kunsillier is-Sur Colin Pace b'mod personali fl-inħawi tal-korsa f'żona privata madankollu xtaq iwwissiħ li l-Kunsill ma jistgħax inaddaf żoni fil-privat. Kien hawn li s-Sindku rrimarka li din iż-żona mhix f'idejn il-Kunsill u l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-liġi la tista' tiksirha u lanqas tilwiha. Finalment il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li t-tindif li huwa qed jagħmel qed jagħmlu b'mod individwali u mhux fil-kapaċita' tiegħu bħala kunsillier.

12.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li jixtieq li bħala Kunsilll nagħmlu stqarrija t'appoġġ lill-Gvern wara li ħa d-deċiżjoni li jagħlaq il-portijiet, u messaġġ ukoll t'appoġġ lill-armata; il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri kien is-sekondant.

'B'referenza għal dak li ġara fl-aħħar ġranet fejn l-awtoritajiet Maltin tas-saħħa u awtoritajiet oħra għalqu l-portijiet tagħna biex la jidħlu turisti u lanqas immigranti, l-Kunsill iħoss li din id-deċizjoni hija tajba u f'waqta b'mod speċjali għall-lokalita' tagħna. Aħna nagħtu kull appoġġ u solidarjeta' lejn il-Prim Ministru u l-Armata Maltija għad-deċizjoni li ħadu biex jissalvagwardjaw saħħitna u saħħet il-lokalita' tagħna. Bħalma jaf kulħadd il-lokalita' tagħna ila tilqa' immigranti l-fuq min għaxar snin bl-impatt kollhu negattiv u pozittiv u l-lokalita' dejjem wriet solidarjeta' ma min għex fiha.'

Il-Membri kollha tal-Kunsill qablu ma din l-istqarrija.

12.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Aquilina qalet li minkejja li qablet ma din l-istqarrija xorta waħda tħoss li l-pożizzjonoi tal-Gvern mhix ċara peress li wara li tgħaddi din il-pandemija kollox ser jerġa jiġi lura għan normal b'żieda t'immigranti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li l-Prim Ministru kemm-il darba wera' l-pożizzjoni tiegħu li Malta ma tiflaħx għal iktar immigranti. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħala Kunsill hemm bżonn li nkomplu naħdmu biex inaqqsu l-immigrazzjoni rregolari fil-lokalita' tagħna.

12.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab informazzjoni dwar il-karti li hemm imwaħħlin mall-bankijiet pubbliċi, u dwar min għamilhom. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa sab online l-aħħar liġijiet b'lingwi differenti mill-Aditus u nformazzjoni ġenerali dwar il-Covid-19 bl-lingwi differenti mill-website tal-Ġnus Magħquda u wara dawn ġew ipprintjati u mwaħħlin mill-ħaddiema tal-Kunsill. Sadanittant, is-Sindku rrimarka wkoll li matul dawn l-aħħar gimgħat huwa flimkien mall-NGO KOPIN kienu qed iqassmu karti t'informazzjoni fil-ħwienet sabiex ikunu milħuqa aktar nies f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal ukoll li permezz tal-Malta Trust Foundation tal-President-Emeritus Marie Louise Coleiro Preca huwa kien qed iqassam l-ikel lil diversi persuni vulnerabbli fil-lokalita'.

12.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li filwaqt kien hemm riżultat pożittiv bl-għeluq ta' Ġnien Belveder, dan ma jistgħax jingħad għall-ġonna l-oħra u pjazzez li hemm fil-lokalita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li peress li diversi min dawn il-ġonna u pjazzez huma passaġġi huwa ferm diffiċli, madanakollu huwa ma jsib l-ebda diffikulta' li flimkien mall-Kunsillier jiġu ddentifikati postijiet oħra li effettivament jistgħu jiġu' magħluqa.

12.4.6. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer nforma lill-Kunsill li fil-jiem li għaddew ħa sehem f'webinar internazzjonali fejn apparti Malta, kien hemm rappreżentanza mill-pajjiżi bħal Portugal u Spanja u Greċja fejn ġew diskussi l-miżuri li qed jittieħdu matul dan iż-żmien tal-pandemija tal-Covid-19.

12.4.7. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab il-Kunsill sabiex jinxtgħel il-monument fejn Triq is-Salib tal-Marsa. Huwa jaf persuna li għandhu l-kumpanija tiegħu hemm fejn lest li jħalli l-Kunsill jwaħħal sub-meter biex tinxtgħel. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li d-dawl huwa diġa' mqabbad mas-sistema tal-Enemalta u għaldaqstant jistgħa jitwaħħal il-meter li kien hemm u jagħtik il-konsum. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta.

12.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li l-problema tal-vapuri ta' Cassar Shipyard u Bezzina fiż-żona tal-Menqa għandha tippersisti wara li ftit tax-xhur ilu wħud mill-vapuri tneħħew u ħallew impatt pożittiv fuq l-ambjent tal-akwata. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel li dawn it-temi ser inkunu qed inressquhom bħala Kunsill lill-Ministru tal-Ambjent l-Onor. Aaron Farrugia permezz ta' video link.

12.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li kien hemm kuntrattur li kien qed jaħdem għas-servizz tad-drenaġġ u l-Kunsill irid jobbligah biex it-trinka li tħaffret tiġi miksija b'wiċċ ġdid tat-tarmac. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jassigura li dan isisr.

12.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li fejn il-Wonderland mall-binja tal-kantuniera hemm ilma qieghed. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jekk il-Kunsill ikollu xi ritratti dawn jistgħa jgħaddihom lis-sanita' sabiex jinvestigaw.

12.4.11 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri rrimarka li fuq nota pożittiva t-Toyota li kien hemm fi Triq Isouard tneħħiet.

12.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer nforma lill-Kunsill li tkun ideja tajba jekk issir laqgħa mall-Kopin u li din tkun miftuħa għall-membri tal-Kunsill li jkunu jixtiequ jattendu. F'din il-laqgħa jista' jiġu diskuss dawk l-affarijiet kollha tajbin li għaqda qed tagħmel fil-lokalita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta u ser isir komunikat mall-Kopin sabiex tinstab ġurnata u ħin.

12.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab biex il-Kunsill jistaqsi lill-Infrastructure Malta x'inhuma l-possibilitajiet li l-ħajt bil-ħaxix fil-Marsa-Ħamrun Byepass jiġi estiż sa Qormi Road. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din hija proposta tajba u li l-Kunsill jista' jressaq din il-proposta ma Infrastructure Malta.

Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri telaq mill-laqgħa fl-4.20p.m

## *12.5 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

12.5.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill propju llum rċieva nominazzjoni għal Ġieħ il-Marsa. Dawn ser jinġabru matul il-sena kollha, iżda jiġu deċizi u studjati meta toqrob l-attivita'.

## *12.6 Tisqif ta' Triq Diċembru Tlettax*

12.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal dwar il-proġett tal-Gvern għat-tisqif ta' Triq Diċembru Tlettax il-Kunsill ser ikun qed jitlob permezz tal-perit proposta f'idejna sabiex meta dan il-proġett ikun wasal biex jiġi diskuss il-Kunsill ikollu f'idejħ pjanti bil-proposti li jixtieq

jinkludi għal dan il-proġett. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li din hija wegħda elettorali tal-Gvern u li l-għan ta' dan it-tisqif huwa li fil-Marsa jergħu jingħaqdu l-ġonna li kienu infirdu meta nbniet it-Triq Diċembru Tlettax. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer sabiex jiggwidah ma min jitkellem dwar din il-kwistjoni. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *12.7 Sitwazzjoni tal-Marsa fil-Preżent*

12.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan l-item tniżżel fl-agenda sabiex jekk ikun hemm il-bżonn il-Kunsill jkun jista' jelabora iktar fuq is-sitwazzjoni preżenti fil-lokalita' fid-dawl tal-imxijja tal-Covid-19, madankollu jidher li bil-miżuri li l-Kunsill adotta fil-gimgħat li għaddew l-affarijiet sejrin tajjeb u r-residenti kienu ferm kuntenti bil-ħasil ta' Toroq fl-akwata. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li tkun ideja tajba jekk it-toroq li jkunu ser jinħaslu jitnizzlu fis-facebook page tal-Kunsill sabiex il-persuni li jkollhom il-karozzi hemm jitressqu ħalli t-triq titnaddaf aħjar. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *12.8 Call-forwarding – kuntratt mall-GO għal sentejn;*

12.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li fil-gimgħat li għaddew l-amministrazzjoni tal-Kunsill ipprova jsib mezz ta' kif il-Kunsill ikollu linja tal-telephone li jista jitwieġeb mid-dar. Madankollu, dan huwa kuntratt li jorbot il-Kunsill għal sentejn bi ħlas ta' madwar €20 kull xahar. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-Kunsill ser ikompli janalizza x'inhi l-aħjar possibilita' biex ikun hemm call-fowarding u answering machine kif ġie diskuss aktar qabel fil-laqgħa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *12.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

12.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.05pm u ġiet aġġornata għad-19 ta' Mejju fis-3.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |